ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

Minuti tal-Laqgħa Nru. 25 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 9 ta' Gunju 2014 fis-6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Ambaxxatur | Is-Sinjorina Christine Dalli |
| Accountant | Is-Sur Patrick Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) Skeda ta' Ħlas Mejju 2014;
   b) Petty Cash Mejju 2014;
   c) Audited Financial Statements- Amended.
5. Kwotazzjonijiet;

7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.


Kunsill Lokali – Ghaxaq – Local Council
15, Vjal il-Labour, Ghaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 24 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Segretarju staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, il-Viċi Sindku ppropona li jkunu addottati.

Issekondat il-kunsillier Schembri u l-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

a. Dwar il-korsijiet tal-*Lifelong Learning* is-Sinjura Schembri qalet li se torganizza il-korsijiet tal-Malti u Ingliż, qalet ukoll li minħabba li kien hemm min oġġezzjona li jsir l-kors tat-Taljan dan mhux ser isir.

b. Skolasport waslet fit-tmiem tagħha u ċ-ċertifikati ġew preżentati.

c. L-Awdituri tal-Gvern talab x'aġġustamenti u dawn saru mill-*Accountant* is-Sur Patrick Caruana li kien preżenti ukoll fil-laqgħa.

**Waqt li kienet għaddejja l-laqgħa daħlu**
**Hawnhekk il-Viċi Sindku qal li jekk ikun ser isir xi proġett fit-Turretta hu lest li dan jagħmlu hu. Il-Kunsill qabel.**

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment fejn dwar l-Iskema tal-PPP irċevejna s-somma ta' € 60,417.56.

   Dwar l-Iskema tal-Librerija Lokali il-Kunsill ingħata s-somma ta' € 450 bħala għajnuna għax xiri ta' kotba biss.

   Bagħatu wkoll jinfurmaw dwar l-Attivitajiet Kulturali sabiex informazzjoni lit kun se tingħata lil Press trid tintbagħat l-ewwel lid-Dipartiment.

   Infurmaw dwar il-korsijiet tal-*Lifelong Learning* dwar il-lista tal-Kunsill li ser jipparteċipaw f'din l-Iskema. Ħal Għaxaq jinsab fil-lista.

atħat

2. Mill-Uffiċċju tal-Kuntratti, infurmaw li l-kumpanija GAFASAVEWAYS Ltd. u CLENTEC Ltd., ġew misjuba ħatja quddiem il-Qorti, sabiex jiġu esklużi mill-għoti ta' kuntratti.

3. Mill-Uffiċċju tal-Ministru Buontempo, fejn informa li kienet ser isir żjara ġewwa l-Kunsill fil-5 ta' Gunju, 2014, fil-11 a.m., fejn ġiet posposta għal ġurnata oħra.

ĦAL GĦAXAQ

4.ra. Mill-MEPA, notifika ta' avviż fi Sqaq il-Wilġa dwar żvilupp mingħajr il-permessi meħtieġa.

5. Mill-KNPD, fejn infurmaw dwar l-armar li jsir fit-toroq tal-Festi sabiex bankina u ċerti postijiet jitħallew aċċessibbli għal persuni b'diżabilita'.Il-Viċi Sindku qal li l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jistgħu jagħmlu x-xogħol li hemm meħtieġ fil-bankini biex dawn ikunu aċċessibbli min nies bi bżonnijiet speċjali fejn hu possibbli jsiru bin-niżla.

Is-Sindku qal li biex isiru l-bankini jeħtieġu ħafna spejjeż. Il-Viċi Sindku qal li l-ewwel issir bankina waħda u naraw l-ispejjeż kemm jiġu.

Is-Sindku qal li se javviċina d-Dipartiment min fejn jista' jġib nies li jaħdmu fl-infrastruttura biex jgħinu jsiru il-bankini. Il-Kunsill qabel.

6. Mill-Greenpak fejn bagħatu ir-rapport tal-ewwel kwart ta' din is-sena ta' *Recovery Results*.

7. Mingħand is-Sinj. McAlister, fejn qed tilmenta dwar l-iskart li minn mindu tneħħew l-iskips is-sitwazzjoni ggravat u anke il-ħin tal-ġbir sabiex jinbidel għax kmieni.

8. Mid-*Discover E-Volunteering Competition* fejn saret it-tielet edizzjoni tagħha, fejn ipparteċipaw it-tfal Għaxqin.

9. Mill-MEUSAC, fejn ser isir laqgħa ta' Informazzjoni dwar '*Activating the Right ICT Skills for Tomorrow's Jobs*'., fil-11 ta' Gunju, 2014, fl-10 .am. l-*Europe House*, Belt.

10. Mill-MFSS dwar *Promoting Social Mobility*, l-applikazzjonijiet jagħlqu fit-18.06.14.

11. Mingħand *G.E Excavation Ltd.*, kwotazzjoni għal xogħol ta' trinka fi Sqaq San Mikiel li ta' tammonta għal € 5,664. Is-Sindku qal hemm il-ħtieġa li jsir xogħol ukoll fi Triq il-Wilġa u Trejqet Santu Kristu minħabba d-dawl tat-Triq. Għaldaqstant se jieħu ħsieb jara x'hemm bżonn.Il-Kunsill qabel.

12. Mingħand is-Sur Boyd, ta' Triq St.Marija Sqaq Nru. 4 sabiex isir *gate* f'dan l-isqaq, fejn hemm xi firem ta' residenti. Il-Kunsill ma qabilx.

13. Mingħand is-Sur Charles Agius ircevejna *e-mail* fejn xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill għandux post adegwat biex isiru diskussjonijiet u taħditiet ta' l-Iskema *Youth Guarantee*. Il-Kunsill iddiskuta din l-*e-mail* u qal li l-Kunsill jista' jiġi wżat iżda m'għandux ir-rekwiżiti li jixtieq s-Sur Agius. Il-Kunsill qabel li jirrakomanda s-Sala tal-Kappillan kif ukoll l-Iskola Primarja tal-lokal.

ĦAL GĦAXAQ

14. L-AKL infurmatna b'konferenza "*Energy Efficiency Capacity Building* nhar l-24 ta' Ġunju, 2014, li se tattendi s-Segretarju.

15. *Transport Malta* infurmawna li il-*barriers* li talab il-Kunsill huma parti mill-ġnien għaldaqstant dawn iridu jsiru mill-Kunsill.

17. Minghand Andrew Vassallo irċevejna kwotazzjoni tal *Manhole Covers.* Is-Sindku qal li kif kien ġie miftiehem f'laqgħa preċedenti li jsiru ftit minn dawn il-*Manhole covers* bi prezz ta' €9.83 il-waħda. Il-Kunsill qabel.

18. Il-Kumpanija *Melita plc* infurmatna li ġew imqabbda mid-Dipatiment biex jinstallaw l-internet għal cameras tal-*Online Streaming*.

19. Mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni nfurmawna li qed iniedu l-Premju Frans Sammut. Is-Sinjura Schembri wriet ix-xewqa li l-Kunsill jipparteċipa. Il-Kunsill qabel.

**<u>Korrispondenza li bagħat il-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Is-Sindku bagħat e-mail fejn qed jipproponi sabiex issir laqgħa għar-residenti tal-HE peress li qed isiru ħafna abbużi fil-madwar ta' l-Estate.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>:**

**a) Skeda ta' Ħlas Mejju 2014.** Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2014 u li jammontaw għal €20,616.52.

Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressqet l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

***b) Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Mejju 2014, li kienu jammontaw għal €96.04. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressqet l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€96.40 għall-*pettycash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Viċi Sindku Vassallo.

**c) Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* Emendati**

Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-Awditur tal-Gvern talab li jsiru xi aġġustamenti fl-Istqarrija Finanzjarja u għaldaqstant l-*Accountant* tal-Kunsill is-Sur Patrick Caruana għamel l-aġġustamenti li ssuġġerixxa l-



Awditur u spjega l-kontenut.

Is-Sindku ppropona li l-*Financial Statements* ikunu jiġu approvati biex jintbagħatu lill-Awditur.Issekonda il-Kunsillier Fenech u l-Kunsill qabel.

**4. <u>Kwotazzjonijiet</u>**

Il-Kunsill kien talab għall-offerti tal-proviżjoni tal-*Concrete* u rċieva kwotazzjoni waħda. Din il-kwotazzjoni infetħet mis-Segretarju fil-preżenza tas-Sindku w il-kunsilliera Agius u Schembri.

Il-kwotazzjoni li kienet akkumpanjata mill-*Bank Guarantee* u r-rekwiżiti meħtieġa kienet mingħand *Polidano Bros.Ltd* u kienet tammonta għal €75.35 għal provvista u trasport ta' *concrete* 1-3-6 kull metru kubu.

Is-Sindku ppropona li din l-offerta tiġi milqugħa w il-membri preżenti qablu.

**9. <u>Suġġerimenti mill-Kunsilliera</u>**

1. Is-Sindku qal li se jgħaddi ċavetta tal-kamra li hemm fi Ġnien il-Kunsill lil wieħed mill-ħaddiema sekondati magħna tal-ETC biss dan ikun jista' jnaddaf il-ġonna anke fil-*weekend*. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sindku qal li xtaq jagħmel appuntamenti ma' *Transport Malta*, ma' l-Hon Ian Borg, mas-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina ta' DLG rigward il-flus li għandna nieħdu. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sindku qal li nhar is-Sibt, 14 ta' Gunju fl-10.00am se jagħmel laqgħa mar-residenti tal-Housing Estate Hal Dmikki.

4. Wara li kien hemm xi ilmenti sar qbil li ħlasijiet fil-Kunsill jibqgħu jsiru

san-12.30pm u l-Kunsill jibqa' miftuh sas-1.30pm biex jaqdi n-nies. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sindku qal li se jixtri l-*covers* tat-toqob tal-Festa. Il-Kunsill qabel li din is-sena jintefqu 400 Euro biex isiru u fis-snin li ġejjin terġa' titressaq Kunsill.

6. Il-Viċi Sindku staqsa x'sar dwar il-*punch clock* . Is-Segretarju qalet li qed tistenna kwotazzjonijiet.

7. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li nġiebu l-*green wardens* minħabba li qed jintrema ħafna skart mar-raħal kollu. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

8. Il-Kunsilliera Agius qalet li hemm il-ħtieġa li s-siġar li tħawwlu fi Ġnien il-Kunsill jiġu msoqqijja għax dawn kollha qed imutu. Il-Kunsill qabel.

9. Il-Kunsillier Fenech qal li l-aħjar tintbagħat ittra lil Każini tar-raħal biex jekk jiġu nieqsa xi tappieri tal-arbli tal-festa li se jagħmel il-Kunsill il-każin ta' min tkun għaddiet il-festa jħallas għat-tappieri nieqsa.

10. Il-Viċi Sindku qal li t-tabella ta' Sqaq San Mikiel reġgħet insterqet għaldaqstant ġie deċiż li din terġa' issir iżda din id-darba barra il-*pole* titwaħħal bi *bracket* mal-ħajt li hemm viċin.

11. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak minħabba li saret li hemm fit-toroq. Il-Kunsill qabel.

12. Is-Sur Abela qal li l-Kunsill intalab biex iqassam applikazzjonijiet tan-*Nursery tal-football* . Il-Kunsll ma' sab l-ebda oġġezzjoni.

13. Il-Viċi Sindku qal li f'laqgħa preċedenti sar ftehim biex jittranġaw il-*floodlights* ta' l-iskola u dawn għadhom ma sarux. Is-Sindku qal li avża lill-kuntrattur tad-dwal tat-toroq biex dawn jittranġaw issa jiċċekkja x'ġara.

14. Il-Viċi Sindku qal li s-siġar ta' fuq Santu Rokku hemm il-ħtieġa li jinżabru, ma dan kompliet s-Sinjura Agius fejn qalet li s-siġar ħdejn it-*traffic lights* ukoll hemm il-ħtieġa li jinżabru. Il-Kunsill qabel.

15. Il-Kunsilliera Agius qalet li ġiet avviċinata li hemm post għal kiri biex jaraw jekk il-Kunsill hux interessat li jikrih. Dan qiegħed fil-kantuniera fil-bypass qabel ma iddur għal ħdejn il-Kunsill. Qalet ukoll li dan se jinkera isfel għal pezz ta' €21,000 u fuq €15,000. Il-Kunsill qabel li dan huwa prezz għoli wisq.

16. Is-Sinjura Schembri staqsiet jekk il-Kunsill jistax jirranġa l-grada ta'

wara ta' l-iskola li tagħti għall-librerija minħabba li nies iridu jerfgħu l-*pushchairs* biex jidħlu fil-librerija.  Il-Kunsill qabel li din hija propjeta' ta' l-iskola.

17. Is-SinjuraSchembri tablet lis-Sindku li hi ma tixtieqx tibqa tieħu ħsieb l isports iżda tieħu ħsieb iż-żgħażagħ. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

ĦAL GĦAXAQ

**10. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.30 p.m. aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 30 ta' Gunju, 2014,  fis-6.30pm.

Darren Abela
**Sindku**

Therese Xuereb
**Segretarju Eżekuttiv**

**<u>Ikkonfermati:- it-Tnejn, 30 ta' Gunju 2014,  fis-6.30pm</u>**